

Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0436(COD)

7164/19
ADD 1 REV 1

CODEC 607
TRANS 167
SOC 200
EMPL 154
MI 228
COMPET 230
PREP-BXT 98

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja

L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja jappoġġaw l-oġġettiv li tiġi żgurata l-konnettività bażika tat-trasport bit-triq wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea mingħajr ftehim dwar il-ħruġ u jilqgħu l-miżuri temporanji proposti li jippermettu li l-operaturi tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq u tas-servizzi ta' kowċ u xarabank b'liċenzja mir-Renju Unit iġorru prodotti u passiġġieri lejn u mill-Istati Membri tal-UE. Dawn il-miżuri huma meħtieġa biex jipprevjenu tfixkil serju fil-kuntast ta' tali operazzjonijiet immedjatament wara l-ħruġ tar-Renju Unit, speċjalment fir-rigward tal-ordni pubbliku wkoll.

L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja jinsabu mħassba, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni estiż fir-rigward ta' ċertu għadd ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fit-trasport tal-merkanzija bit-triq mhuwiex konformi mal-linji gwida dwar il-miżuri ta' kontinġenza maqbula mill-Kunsill Ewropew dwar il-kondotta ġenerali tal-UE27, peress li dawn l-operazzjonijiet mhumiex strettament neċessarji biex jiżguraw il-konnettività bażika bejn ir-Renju Unit u l-UE27. It-tħassib tagħna mhux ser jixxejjien bil-fatt li r-Regolament ma jibqax japplika fil-31 ta' Diċembru 2019.

Madankollu, b'kont meħud tat-tħassib ekonomiku ġenerali, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja huma tal-fehma li d-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tar-Renju Unit bil-kondizzjoni tar-reċiproċità huma mod adatt ta' rispons għas-sitwazzjoni unika ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament mhux ser jeskludi aktar negozjati mar-Renju Unit jew pajjiżi terzi oħra u mhux ser jitqies bħala preċedent. Sabiex jiġi żgurat qafas formalment u sostantivament legali mill-1 ta' Jannar 2020 'l hemm, nafferimaw il-konvinzjoni tagħna li l-Istati Membri tal-UE ser ikunu jistgħu jinneozjaw ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit matul il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit (UK):

- Jilqa' l-intenzjoni ta' din il-proposta li ser tgħin biex jiġi żgurat tfixkil minimu għaċ-ċittadini u n-negozji fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha fil-każ ta' xenarju bla ftehim. Hija soluzzjoni prammatika li tgħin biex tingħata ċertezza liċ-ċittadini u n-negozji, u r-Renju Unit lest jagħti aċċess reċiproku lill-operaturi tal-UE kif teħtieġ il-proposta.
- Jiddispaċih li Ġibiltà ma ġietx inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura u jtenni l-intenzjoni tiegħu li, fir-rigward tar-relazzjoni futura mal-UE, huwa ser jinneozja f'isem il-familja sħiħa tar-Renju Unit, inkluż it-territorji tagħha barra mill-ibħra tar-Renju Unit.

- Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Spanjol lill-Kungress Spanjol f'Ottubru 2018, li huma "ma jridu jikkomplicaw il-ħajja lil ħadd, ma jridux iressqu jew joħlqu diffikultajiet, [u] ma jridux jagħlqu l-fruntiera..." Aħna fiduċjużi li n-naħat kollha huma impenjati li jqiegħdu fis-seħħ il-miżuri adatti [fil-livelli kollha/fil-fora kollha] biex jitħarsu ċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u jiġi evitat it-tfixkil f'xenarju bla ftehim.
- Itenni ċ-ċertezza tiegħu mis-sovranità tiegħu fuq Ġibiltà.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnotta d-dikjarazzjoni magħmula mill-Awstrija, mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja u mill-Italja. Fir-rigward tal-parti tad-dikjarazzjoni dwar in-negozjar ta' ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit matul il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar li dawn in-negozjati jkunu inkompatibbli mal-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Din il-kompetenza esklużiva tirriżulta mill-Artikolu 3(2) tat-TFUE flimkien mal-Artikoli 1(2) u (3) tar-Regolamenti (KE) Nru 1072/2009 u 1073/2009.

Wara li kkunsidrat il-Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2018 dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit, stabbiliti bil-ħsieb li jinfetħu negozjati dwar il-fehim kumplessiv tal-qafas għar-relazzjonijiet futuri, il-Kummissjoni biħsiebha tiegħu kwalunkwe inizjattiva meħtieġa biex tistabbilixxi konnettività xierqa għall-perjodu wara l-iskadenza tar-Regolament.